**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS LL.D.**

**Illum: 15 ta' Settembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Abou Diallo**
**(ID 48111A)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abou Diallo ta' 38 sena, bin Mutar u Jeynab nee` mhux maghruf, imwieled fil-Guinea, nhar l-1 ta' Jannar 1977 u jghix 285, Triq il-Kanun, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita` numru 48111A, detentur bin-numru tal-immigrazzjoni 07KKK-07;

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Marzu 2015, ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghaxija, f'dawn il-Gzejjer, gab ruhu b'mod li kien ta fastidju lil persuna ohra, kif ukoll b'mod li kien jaf jew li jmissu kien jaf li dan ta fastidju ghal din il-persuna u cioe` is-Sur Carmel Borg u martu Erminia Borg mill-Hamrun;

U aktar talli f'diversi okkazzjonijiet matul il-perjodu ta' bejn it-30 ta' Marzu 2015 u x-xhar ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' April 2015 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghaxija, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` is-Supretendent tal-Korp tal-Pulizija Carmelo Bartolo, is-Surgent tal-Pulizija 267 Anthony Cassar u il-Kuntistabbli 987 Mark Vella Cassia, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna sabiex bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza u cioe` is-Sur Carmel Borg u martu Erminia Borg mill-Hamrun, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghal skop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat.

Finalment il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna *contrario imperio* ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest tal-akkuzat Abou Diallo, datat 30 ta' Dicembru 2014 u tordna wkoll sabiex il-garanzija personali imposta fuqu ta' elfejn Euro tigi konfiskata u mghoddija favur il-Gvern ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha li gew migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Ikkunsidrat ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet odjerni u illi dawn jinkludu wkoll ksur da parti tal-imputat tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u dan billi huwa naqas milli jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Hamrun f'diversi okkazzjonijiet bejn l-1 ta' Frar 2015 u t-30 ta' Marzu 2015 u kkommetta r-reati odjerni.

Il-Qorti jidhrilha ghalhekk illi piena karcerarja effettiva hija piena idonea. F'dan ir-rigward, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-piena ssuggerita mill-partijiet ossia dik ta' piena karcerarja effettiva ta' sitt xhur u nofs. Madankollu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, il-piena karcerarja minima li tista' timponi l-Qorti f'dan il-kaz, anke jekk tapplika t-terz (u mhux in-nofs) tal-piena fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, teccedi dan it-terminu suggerit. Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha u ser tghaddi biex tinfliggi piena karcerarja fil-minimu taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat, apparti l-piena ta' multa tassattiva fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. In oltre ghalkemm id-difiza ssottomettiet illi l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija m'ghandux jigi konfiskat u l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi m'hijiex tinsisti dwar tali konfiska, biss l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, applikabbli ghal dan il-kaz, jimponi l-konfiska ta' tali ammont b'mod tassattiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 96(a), 251A u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva – li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qieghed jinstab hati – u multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati fi zmien sentejn, bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija skond id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif preseduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta tat-30 ta' Dicembru 2014, ossia s-somma ta' elfejn

Euro (€2,000) u qeghda wkoll tirrevoka *contrario imperio* l-imsemmi digriet dwar il-helsien mill-arrest u tordna ghalhekk ir-riarrest tal-hati.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati ghal zmien sentejn mil-lum – liema zmien ghandu jibda jiddekorri minn meta l-hati jiskonta l-piena karcerarja moghtija lilu permezz ta' din is-sentenza - u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta` u l-protezzjoni ta' Carmel u Erminia konjugi Borg, permezz ta' liema Ordni, il-hati qed jigi pprojbit milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-imsemmija konjugi Borg.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi ta' din l-Ordni, kemm il-darba huwa jikser il-projbizzjoni imposta fuqu ai termini tal-istess.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti li l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha mehtiega, u dan anke billi, jekk jitqies necessarju, jiskonta din il-piena gewwa l-Isptar Monte Karmeli.  Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat